**Niftakrek Gejt**

Niftakrek Gejt, tkellimni
B'dak il-ferħ ta' tifel ċkejken,
Li jferraħli lill-qalbi
Li fl-għejja jgħinni nistejqer.

Il-futbol għaxqet qalbek
Xi ngħidu għat-tim tal-Ħamrun,
Ir-Roma tal-Italja
Kollha għenuk tħossok kampjun.

Xi ġmiel id-diskursati
Li kienu jinbtu fuq ix-xejn,
Bejn ċajta jew tbaqbiqa
U ż-żmien għaddej wara l-widnejn.

U illum sieħbi fis-sema
Ma' ħuk helu Patri Donat,
Hemm int titlob għalina
F'dal-maltemp ta' xita w ragħad.

Int dejjem tibqa' f'qalbi
M'hawnx prezzek, lilek qatt ma' nsejt,
U biex żgur fik niftakar
Qegħdli ismek fuq fommi Gejt.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Gunju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.